BENEDITTU PRODUCTIONS

Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja

# Is-Sirenetta



# Is-Sirenetta



**Kitba**
Maria Abela Grech

**Lirika**
Keith Scicluna

**Kant**
Romina Mamo

**Direzzjoni Teknika**
Kevin Zerafa

**Disinn tal-Palk**
Simon Camilleri

**Direzzjoni**
Keith Scicluna



BENEDITTU PRODUCTIONS

# Mill-Pinna tas-Surmast



Huwa t'unur u pjacir kbir tiegħi nagħtikom merħba għall-edizzjoni ta' din is-sena tal-Pantomima tal-Milied imtellgħa mill-iskola sekondarja Kirkop fi ħdan il-Kullegg San Benedittu.

Hekk kif intemmet b'success il-produzzjoni tas-sena l-oħra, it-tim tal-produzzjoni beda jaħdem bla heda fuq il-pantomima ta' din is-sena bit-tifsil tal-grajja, disinjar tas-sett u PR mill-aqwa filwaqt li l-iskola kompliet tinvesti qatigħ fuq titjib fis-sistemi tad-dawl u tas-smigħ fis-sala sabiex il-produzzjoni tkun tal-għola livell possibbli.

Il-grupp Benedittu Productions jikkonsisti minn għalliema u studenti li ħadmu flimkien fil-ħin liberu tagħhom waqt u wara l-hin tal-iskola sabiex itellgħu din il-produzzjoni mimlija divertiment. Din il-produzzjoni tifforma wkoll parti mill-kors fl-arti performattiva offrut lill-istudenti u akkreditat mill-MCAST bħala parti mill-ftehim li jeżisti bejn l-iskola u l-Kulleġġ tal-Arti, Xjenza u Tekonologija.

Madankollu, l-iskop ta' din il-produzzjoni mhux biss li joffri divertiment lilkom li qed tarawna u lilna li bi pjaċir qed intellgħu din il-produzzjoni iżda li f'dan iż-żmien tant sabiħ naħsbu wkoll f'min hu inqas ixxurtjat minna bħala parti mir-responsabbiltá soċjali tal-iskola. Wara li fl-2016 iddecidejna li 20% tal-introjtu mill-pantomima jmur għal għan filantropiku, din is-sena bi pjaċir se nkunu qed nestendu din l-inizjattiva għal darb'oħra b'risq Dar Bjorn. Jalla l-ispirtu tal-Milied isaltan fostna s-sena kollha.

Minn qalbi nixtieq li tieħdu pjaċir bl-ispettaklu daqskemm il-grupp teatrali ħa pjaċir jippreparah għalikom filwaqt li nawguralkom Milied hieni u sena mimlija risq u barka.

M. Bondin

Kap tal-iskola



# IT-3 MUSKETTIERI ? PANTO 2017














# LINJA DONAZZJONI

IBGĦAT SMS FUQ 50617579

U AGĦTI DONAZZJONI TA' €2.33 LIL

DAR Bjorn



The shape of things to come

The industry we know so well today has much humbler beginnings which take us back to China around 500BC when bamboo was used to construct the first pipelines. At Multigas we continually develop our world-class technology to ensure that you're always ahead of the curve. Our beginnings might be distantly in the past but our sights are firmly set on a brighter future.

multigas
INDUSTRIAL & MEDICAL GASES

Triq l-Industrija, Kirkop, KKP 9042, Malta
(+356) 2164 1113 • info@multigas.com • www.multigas.com

Supply of pure gases • Supply & serving of gas & welding equipment • Handling & storage of cryogenic liquids
Producers & distributors of medical, industrial gases & refrigerants • Filling of compressed gas cylinders • Dry ice

# Kelmtejn tad-Direttur



Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna 'l ħadd u għalhekk erġajna wasalna għal dan l-appuntament annwali tagħna. Din il-pantomima issa donnha daħlet fil-kalendarju ta' ħafna minnkom imma naċċertakom li din il-produzzjoni, għalkemm iġġib magħha ħafna xogħol, stress u ħinijiet twal ta' provi, hija mod mill-isbaħ kif aħna nagħlqu s-sena. Meta ngħid aħna qed nirreferi għal grupp kbir ta' għalliema, staff ieħor, u studenti li flimkien naħdmu, nidħqu u nippruvaw l-almu kollu tagħna sabiex nallegrawkom bl-aħjar mod possibbli.

Fis- snin li għaddew żorna ħafna pajjiżi u ħafna palazzi imma ftit li xejn missejna l-baħar, għajr ftit fil-pantomimi Peter Pan u l-Gżira tat-Teżor. Allura dis-sena ddeċidejna li nesploraw il-baħar fil-fond u b'hekk l-għażla waqgħet fuq is-Sirenetta. Ridna nadattaw, għax din dinja ġdida għalina. Il-baħar għalina kemm inċafċfu ftit fis-sajf u qabel ninżlu nittestjawh billi nbillu *tea bag* fih ha naraw jekk terħix xi ftit. U meta ninżlu ngħumu naraw li ma nitbiedux ħafna u nibqgħu nċafċfu fl-istess roqgħa kemm immattru biss ftit idejna. Dan anke speċjalment wara xi ikla BBQ kif jafu jagħmlu l-Maltin fejn tistħajlek ser tibqa' miexi fil-qiegħ bil-piż li tkun żdidt. Għalhekk, kellna nagħmlu training intensiv sabiex nitgħallmu nikkontrollaw in-nifs u naqdfu sew u aktar minn kollox minflok saqajn nużaw id-denb. Ma kinetx faċli ta! Imma wasalna. Illejla dak li ser noffrulkom. Spettaklu ta' kant, mużika, żfin, kostumi, xenarji u fuq kollox ċajt u daħq!

Jekk id-daħq huwa d-duwa ta' kollox, l-għan li qed naħdmu għalih hu bla dubju d-duwa tal-kuxjenza u r-ruħ. Huwa ta' pjaċir kbir għalina li din is-sena ser nerġgħu ningħaqdu ma Bjorn Formosa biex ngħinuh f'din il-ħolma tiegħu. Il-kuraġġ inkredibbli ta' dan il-bniedem jimliena b'ħafna entużjażmu biex nagħtu aktar mis-sehem tagħna għas-suċċess ta' din is-serata.

Nitolbukom sabiex iżżommu ruħkom aġġornati mas-sit tagħna Benedittu Productions għal żewġ produzzjonijiet oħra li għandna aktar tard matul din is-sena skolastika flimkien ma' attivitajiet oħra li l-iskola tagħna torganizza. Dan kollu bil-għan li naqbżu s-somma ferm sabiħa ta' €10,000 li l-iskola tagħna diġà ppreżentat lil Bjorn f'Ottubru tas-sena l-oħra.

Nagħlaq billi f'isem it-tim sħiħ ta' din il-produzzjoni nirringrazzjakom mill-qalb li qegħdin magħna llejla u tagħtu s-sapport tagħkom. Nispera li ma ndaħħlukomx wisq fl-atmosfera li minn hawn tmorru sal-baħar għax bħalissa ffriska mhux ftit u malajr tibilgħu xi ċmajra. Li hu żgur hu li bħalma l-baħar jirrilassana ħafna fix-xhur sħan tas-sajf, nawguralkom li tirrilassaw u tieħdu gost b'dak li ppreparajna għalikom illejla. Grazzi u...

Ċuf Ċuf it-tajba!!!!

Buy
Sell
Rent

The Traditional
1% Brokers



sensaramalta

Main Office: 1, Sensara Malta, Triq iz-Zurrieq, SAFI
Tel / Mob: 2164 9500 / 9998 6779 / 9998 6889
Web: www.sensaramalta.com
Email: info@sensaramalta.com

# Is-Sireni – Jeżistu jew le?

Skond l-Odissea ta' Omeru, Ulisse ltaqa' ma' sirena fil-Peninsula ta' Sorrentine viċin ħafna ta' Pompei fin-naħa t'isfel tal-Italja. Din poeżija famuża, miktuba lejn l-aħħar tas-seklu tmienja, saħħret ħafna nies matul iż-żmien imma fuq kollox welldet leġġenda kbira li għadha mistoqsija f'ħafna mħuħ ta' nies. Is-Sirenetta teżisti jew le?

Fil-mitoloġija Griega nsibu lil Poseidon, ir-re tal-ibħra u alla fuq l-allat tal-baħar li għex f'palazz dehbieni mar-reġina Amphrite u ibnu Tritoni.

Fl-istejjer leġġendarji mill-*One Thousand and One Nights* hemm diversi stejjer relatati marbuta mas-sireni wkoll.

Is-sajjieda Ingliżi wkoll għandhom diversi stejjer marbuta ma' dan is-seħer li jmorru lura anke sa elf sena. Xi wħud mis-sireni huma b'qalb tajba u ta' għajnuna u oħrajn mhux daqstant. Donnu li l-aktar sireni li huma dħulin u li jmorru tajjeb mal-umani huma dawk ta' *Isle of Man.*

Il-kult tas-sireni sar ferm aktar popolari meta fl-1837 Hans Christian Anderson kiteb il-famuża storja tas-Sirenetta, jew aħjar *The Little Mermaid*. Storja li rajnieha fil-film klassiku u ferm popolari ta' Disney.

Fin-naħa t'isfel tar-Russja, l-Ukraina u Belarus tinsab verżjoni oħra ta' sireni. Dawn huma nisa li sfortunatament fil-ħajja tagħhom fuq l-art kellhom mewta traġika qabel it-tieġ tagħhom. Dawn jgħixu fix-xmajjar u taħt id-dawl tal-qamar jidhru jiżfnu u jgħajtu lill-irġiel b'isimhom. Dawn, probabbilment imsaħħra bis-sbuħija tagħhom, jilqgħu l-istedina tas-sireni li min-naħa tagħhom, probabbli biex jivvendikaw mewthom jiġbduhom u jgħarrquhom.

Anke ċ-Ċiniżi għandhom l-istejjer relatati mas-sireni imma forsi mhux daqshekk b'saħħithom daqs dawk Ewro-Mediterranji. Suvannanaccha hija sirena prinċipessa li l-missjoni tagħha kienet li twaqqaf il-pjan ta' Hanuman milli jibni pont fuq il-baħar. Minflok spiċċat saret tħobbu.

L-istejjer tas-sireni ma jiqfux. Insibu stejjer oħra f'diversi kulturi u pajjiżi differenti bħall-Afrika u ma jistax jonqos il-Karibew. Kienu ħafna stejjer li ixxandru, xi wħud minnhom anke b'filmati li dawn possibbilment vera jeżistu, imma l-mistoqsija kienet u għadha tberren f'ħafna mħuħ.

Min jaf? Forsi llejla nikkonvinċukom li s-sireni jeżistu tassew.



# Mill-Pinna ta' Bjorn Formosa Chairman ALS Malta



Hemm mijiet ta' pazjenti bi problemi newroloġiċi li qed jistennew sabiex jidħlu f'residenza li toffrilhom kura intensiva. Ħafna qegħdin jistennew weħidhom f'darhom stess jew inkella jinsabu f'faċilitajiet ta' kura li mhumiex adekwati għalihom.

L-ewwel Dar Bjorn kienet suċċess però xorta waħda hi żgħira sabiex tlaħħaq mad-domanda nazzjonali. Għalhekk nibtet l-idea għat-tieni dar, *Newer & Bigger Dar Bjorn*. Qed niġbru flus għal dan il-proġett uniku f'pajjiżna u l-isbaħ ħaġa hi li int tista' tkun parti minn dan kollu!

Il-kundizzjoni ta' saħħti qed tmur għall-agħar u għalhekk neħtieġ l-għajnuna tagħkom.

**ALS MALTA**

Il-Fondazzjoni ALS Malta, twaqqfet f'Awwissu tal-2015 sabiex tqajjem kuxjenza u toffri sapport lill-pazjenti tal-ALS u tal-MND f'Malta. Il-fondazzjoni stabbilixxiet bħala komunità sabiex tagħti sapport, ittaffi l-uġigħ, ittejjeb il-ħajja u tinvesti f'riċerka u żvilupp bl-għan li ssib kura għall-ALS.

**Għaliex qed niġbru l-fondi?**

Il-fażi tal-ippjanar bdiet, u l-*Malta's Neuro Residential Community Home* qed tieħu l-forma tagħha. Kien tliet snin ilu li l-ALS Malta bdiet it-triq tagħha sabiex ittejjeb il-ħajja tal-pazjenti b'kundizzjonijiet newroloġiċi.

**Ħarsa ħafifa lejn x'sar f'dawn l-aħħar snin:**

- Organizzajna mitt attività u waħda;
- Fl-aħħar sentejn ġbarna €2.4 miljun f'donazzjonijiet waqt maratoni ta' ġbir ta' fondi fuq stazzjonijiet televiżivi;

- Wassalna iktar minn €500 elf f'apparat mediku lill-pazjenti;
- Nedejna diversi proġetti ta' riċerka kif ukoll borża ta' studju għal Dottorat kull sena;
- Ftaħna Dar ALS, Dar Bjorn f'Ħal Qormi u bħalissa qed tospita 13-il pazjent;
- Hemm 30 ruħ fuq il-lista tal-istennija;
- Insegwu 100 pazjent ieħor f'darhom u nassistuhom kemm nistgħu;
- Noffru diversi servizzi utli bħal: *physiotherapy, speech language therapy, general medical practice, psychological therapy, social work, occupational therapy, family therapy* u *nutritional services*;
- Nipprovdu lill-pazjenti tagħna bl-aqwa apparat mediku u b'teknoloġija li taħdem bil-ħarsa tal-għajnejn, kif ukoll bl-aqwa apparat ta' mobbiltà u siġġijiet tar-roti motorizzati;
- Is-servizzi tagħna huma miftuħa għal elf pazjent ieħor li jbati minn ALS, MS, Huntington's, Parkinsons u kundizzjonijiet newroloġiċi oħra;
- Wara dan kollu, xorta għad għandna €2.4 miljun fil-kontijiet bankarji;
- Għamilna dan kollu mingħajr ma ħallasna lil ħadd.

**Xi rridu nagħmlu issa:**

- Irridu ninvestu t-2.4 miljun ewro li ġbarna mill-pubbliku fi proġett ikbar ta' 4.4 miljun ewro. Se nibnu dar unika, in-*Neurological Intensive Care Home.* Qed nibnu Newer & Bigger Dar Bjorn.
- Identifikajna l-lokalità għal dan il-post ġdid u ikbar sabiex jilqa' numru ikbar ta' pazjenti bil-kundizzjoni tal-ALS u kundizzjonijiet oħra newroloġiċi.
- B'dan il-proġett se noffru soluzzjoni mill-aqwa lil dawn il-pazjenti.
- Dan il-post il-ġdid se jesa' iktar pazjenti, joffri servizzi għal żmien qasir kif ukoll kliniċi u faċilitajiet speċjalizzati.
- Nixtiequ niġbru €2 miljuni biex din il-ħoma ssir realtà.

**Għal iktar informazzjoni, żuru s-siti t'hawn taħt:**

http://alsmalta.org

https://www.facebook.com/alsmalta/

https://www.facebook.com/bjornformosaals/

Ikkuntattjawna b'ittra elettronika fuq *info@alsmalta.org*
Żuruna f'Dar Bjorn, 308,Triq il-Kbira, Ħal Qormi

Ċemplulna fuq 79209420

Nirringrazzjawkom tal-għajnuna tagħkom!



Lourdes
Photography

F. Zahra Str.,
Birkirkara

99 05 05 80

Professional photoshoots
for any occasion

LIKE US ON
facebook

lourdesphotographicservices

# Song Sheet

Fuq melodija tal-kanzunetta
Volare ta' Domenico Modugno

Did-dinja oh oh
Imħawda oh oh
Tippruvax tifhem
it-tgerfix
Tispiċċa l-vera
m'aħniex



# tower ironmongery

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| WÜRTH<br>FASTENERS | SIGMA COATINGS<br>INTERIOR & EXTERIOR PAINT | PROTOOL<br>POWER TOOLS | narex<br>POWER TOOLS | V-TAC<br>LED BULBS & TUBES |
| Kress<br>POWER TOOLS | fumagalli<br>RESIN OUTDOOR FITITNGS | ABB<br>ELECTRICAL SUPPLIES | Unoair®<br>AIR TOOLS | CISA<br>LOCKS |
| MOTTURA<br>SECURITY LOCKS | Cuprinol<br>WOOD TREATMENT | ARRIGONI<br>SUN SHADING | NEO<br>HAND TOOLS | TOPEX<br>HAND TOOLS |

DUPLICATE YOUR KEY NOW!

PROFESSIONAL KEY CUTTING HERE.

SILCA YOUR GLOBAL PARTNER IN LOCKSMITHING

**Tower Street, Żurrieq, ZRQ 2360**

Tel: 2164 0196 • E-mail: towiro@maltanet.net




**BENEDITTU PRODUCTIONS**

Kulleġġ San Benedittu Skola Sekondarja, Kirkop.

# IL-PRINĊEP TAL-EĠITTU

Fit-30 u 31 ta' Marzu 2019



Segwuna għal aktar dettalji fuq is-sit ta' Facebook: Benedittu Productions



# KAST – PANTOMIMA 2018 -




| | | |
|---|---|---|
| 1. | Is-Sirenetta – Ariel | Romina Mamo |
| 2. | Ir-Re Nettuno | Keith Scicluna |
| 3. | Dama | Eric Grech |
| 4. | Princep Erik | Edward Marmara |
| 5. | Ursola s-Saħħara | Maria Abela Grech |








| | | |
|---|---|---|
| 6. | Morina – Stuart | Nathan Aquilina |
| 7. | Morina – Louis | Matthew Polidano |
| 8. | Tritonu - Lucy | Thea Aquilina |
| 9. | Tritonu - Demi | Maria Bellia |
| 10. | Tritonu - Steffi | Kayley Cuschieri |
| 11. | Sebastjan | Marilyn Busuttil |
| 12. | Flounder | Enya Coleiro |
| 13. | Gawwi | Ancel Cefai |
| 14. | Chief of Staff - Herbert | Jesmiel Raines |





| | | |
|---|---|---|
| Pulizija | Jerome Damato | Larken Abela |
| Sireni (Żeffiena) | Elena Sacco | Leonora Tesi |
| | Claire Zahra | Jade Zammit |
| | Leanne Zammit | Kylie Sciberras |
| | Shirley Abdilla | Sarah Scicluna |
| | Julie May Zammit | Shanise Farrugia |
| | Giselle Parnis | Nicole Cachia |
| Gawwi/Sharks | Erica Tanti | Sarah Vella |
| | Nirvana Vella | Tamara Schembri |
| | Fifi Ann Psaila | Shaznay Camilleri |
| | Martina Portelli | |
| Folla Palazz | Katrina Cassar | Krista Zahra |
| | Sian Cachia | Melanie Cutajar |
| | Ilona Saliba | Mathias Giusti |
| Kor: | Sarah Vella | Thea Aquilina |
| | Maria Bellia | Kayley Cuschieri |
| | Erica Tanti | Shanaia Casha |





# WARA L-KWINTI

**Tfassil u ppjanar:** Il-grupp tal-panto magħmul minn Keith Scicluna, Maria Abela Grech, Simon Camilleri, Carlos Borg u Romina Mamo.

**Kumitat SDP Attivitajiet:** Claire Camilleri, Manwel Borg, Keith Scicluna, Ann Marie Micallef, Romina Mamo, Joanna Mallia, Janet Mercieca.

**Paġna tal-facebook – Benedittu Productions:** Romina Mamo<br>Keith Scicluna<br>Janet Mercieca

**Biljetti:** Janet Mercieca

**Bukings:** Janet Mercieca

**Riklami** Joanna Mallia<br>Manwel Borg<br>Ann Marie Micallef

**PR** Pamela Schembri<br>Keith Scicluna<br>Romina Mamo

**Ktejjeb:** Keith Scicluna



**Qari tal-provi:** Desiree Dimech, Ancel Cefai

**Logo:** Simon Camilleri

**Poster:** Keith Scicluna, Simon Camilleri, tikcommunications

**Disinn tal-Palk:** Simon Camilleri

**Bini tas-sett:** Carlos Borg, Simon Camilleri, Margot Caruana, Laurence Magro, Kevin Zerafa, Harold Micallef, Clinton Carter bl-għajnuna tal-istudenti tal-arti.

**Awdjo u Dawl:** Kevin Zerafa bl-għajnuna ta' Sheldon Borg, Kurt Spiteri, Andre Saliba, Ayrton Saliba, Mirea Schembri, Amy Farrugia, Bradley Aquilina, Salvatore Boscarino, Kirk Cardona, Jozef Saliba, Duane Mangion, Eldon Mangion, Isaac Bondin, Jake Azzopardi flimkien mal-ex student Nathan Bonnici

**Settjar tad-dawl:** Kirk Cardona, Nathan Bonnici

| | |
|---|---|
| Wara l-kwinti: | Yelena Cassar Gaffiero,,Kyle Bartolo, Graig Scerri, Neishia Grima, Maya Harridy, Owen Mangion, Pavel Pablo Dalli, Isaac Mula, Harry Camilleri Mallia, Zachary Grixti, Luca Micallef Valletta flimkien mal-ex studenti Miguel Cassar, Kieran Camilleri u Jake Seychell |
| Prompter: | Priscilla Callus |
| Għajnuna oħra | Alison Allendorfer |
| Korjografija u żfin | L-istudenti stess |
| Irtokk: | Margot Caruana bl-għajnuna ta' Theresa Mifsud, Priscilla Callus, Carol Mallia, Bridget Borg Zerafa, Maria Abela Grech u l-istudenti Maya Camilleri, Mariah Cuschieri, Graziella Callus, Francesca Bartolo u Analise Almadani |
| Għajnuna fix-xagħar | Eliana Gomez Blanco |
| Kiri ta' Kostumi: | Marika Zarb |
| Kostumi: | Charlene Cassar |
| Ħjata: | Janet Mercieca |
| Fotografija: | Lourdes Micallef Photography u Emi Briffa |
| Ġbid u Editjar tat-trejler: | Emotive Media |
| Mużika tat-Trejler: | Francesco Trapasso |
| Taħriġ fil-kant u Rekordjar: | Romina Mamo |
| Loġistika: | Keith Scicluna |
| Kitba: | Maria Abela Grech |
| Lirika: | Keith Scicluna |
| Stage Manager: | Simon Camilleri |
| Direzzjoni: | Keith Scicluna |







Meta jkun riesaq il-Milied, ħafna skejjel u kumpaniji jippreparaw pantomima għax jafu kemm tkun popolari mal-udjenzi. Din is-sena tħajjart immur nara 'It-3 Muskettieri?' mtellgħa minn *Benedittu Productions*, u ħadt miegħi lin-neputija. F'qalbi għedt nispera li ma tixbax. Mhux talli ma ddejqitx tara din il-pantomima, talli anke riedet tieħu r-ritratti mal-karattri u rnexxielha tieħu wieħed mar-reġina!

Intant, fl-opinjoni tiegħi kien xogħol tajjeb ħafna u deher ħafna t-*team work* li tant hu importanti f'kull produzzjoni. Atturi tajbin, kostumi sbieħ. Impressjonajt ruħi bix-xenarju li ħadmu bejn xena u oħra. Kien jinħass ukoll is-sens ta' ferħ u għaqda li ġġib produzzjoni meta tinħadem mill-qalb. Żgur li ta' sena oħra ma nitlifhiex.



**Veronica**

**Farrugia**

*Attriċi*



It-titlu għandu mnejn iqarraq ftit. Dan għaliex il-proġet pilota issa daħal fit-tielet sena tiegħu u allura issa nistgħu ngħidu li rabba l-għeluq fil-fond. Proġett fuq tliet suġġetti differenti huma *IT, Engeneering u Performing Arts.*

Is-sabiħ ta' dan il-kors fil-Performing Arts hu li barra li intom qed tiġu hawn f'din is-sala u tieħdu pjaċir bix-xogħol imtellá mill-istudenti, l-istess studenti qed jakkwistaw ħafna aktar mis-sodisfazzjon taċ-ċapċip u l-kummenti sbieħ tagħkom kif dejjem kellna. Dawn l-istudenti qed jitgħallmu ħafna ħiliet mhux biss applikabbli għall-palk imma anke għall-ħajja ta' kuljum bħal: puntwalità, responsabiltà, rispett, li tisma 'l ħaddieħor, li toffri l-għajnuna tiegħek fejn tħossok li int kapaċi filwaqt li taċċetta l-għajnuna ta' ħaddieħor fejn ikollok bżonn, *teamwork*, determinazzjoni, *time management*, li tikkommetti ruħek u ħafna aktar.

U ta' dan kollu l-istudenti qed ikunu akkreditati. Din is-sena kien hemm 52 student li ħadu iċ-ċertifikat fl-ewwel kif ukoll fit-tieni sena u li ħafna minnhom qed tarawhom fuq il-palk illum. Ċertifikat li għal min jixtieq ikompli fl-istudji tal-Performing Arts fl-MCAST ser isibhom lesti. Imma anke jekk mhux ser ikompli f'din il-linja żgur li ser ikun ta' benefiċċju kemm bħala esperjenza personali kif ukoll għall-kredenzjali tal-istudent.

Il-programm tal-għoti taċ-ċertifikati nfetaħ b'silta żgħira teatrali li ffukat fuq l-ansjetà. Silta li ġiet interpretata minn erba' studenti u li fiha esploraw it-tliet oqsma differenti li ħadmu fuqhom matul dan il-kors: Drama, Moviment u Mużika. Silta li wkoll toħloq aktar għarfien dwar mard mentali. Wara kellna d-diskors ta' studenta li qasmet l-esperjenza tagħha ta' dan il-kors: id-diffikultajiet, il-mumenti sbieħ imma fuq kollox is-sodisfazzjoni li tferraħ jew tgħaddi messaġġ lill-udjenza ta' quddiemek. Segwew diskorsi mis-surmast, *Head of Foundation Studies* tal-MCAST kif ukoll tal-Onorevoli Clifton Grima li onorana bil-preżenza tiegħu għal din l-okkażjoni. L-attività għalqet bl-għoti taċ-ċertifikati u awgurju wkoll għal numru sabiħ ta' studenti li kienu preżenti u li din is-sena bdew dan l-istess kors: *Introduction to Perfroming Skills I.* Dawn l-istess studenti ser tarawhom fuq il-palk tagħna fil-produzzjonijiet li jmiss matul din is-sena stess.




Silta mir-rappreżentazzjoni Ansjetà




Waqt l-interpretazzjoni tal-kanzunetta oriġinali Wake Up B.U. b'kitba u kompożizzjoni ta' studenta.




Il-grupp li temmew l-ewwel sena tal-kors.




Il-grupp li temmew it-tieni sena tal-kors.

IR-ROHNA
HOTEL
PIZZERIA
RESTAURANT

art academy
Art Supplies Art Gallery Art School Framing

George Unisex
Salon
Mob: 77448234 Qormi

Hairdesign
by Yvette

Hilton
Malta

THE LOOK
· HAIR & BEAUTY CLINIC ·

Victoria
Restaurant

NEXTGEN

PICTURING MEMORIES
PHOTOGRAPHY

THE WESTIN
DRAGONARA
RESORT
MALTA

SURFSIDE
Bar & Grill

Island of Calm
CHARLIE'S MASSAGE
27 130 315 | 77 936 703

Tal Pjazza
Restaurant

**BENEDITTU PRODUCTIONS**

**B.U.**



Rappreżentazzjoni teatrali u forum dwar id-Diversità

mtellgħa fid-9 ta' Marzu 2018

Dan hu l-kumment tal-preżentatur tas-serata:

Thank you so much for letting us be part of your admirable work with young people.

The production was impressive and moved me in so many ways, because of its thoughtfulness and courageous spirit. I've seen much more complex theatrical and television productions, but very few of them managed to impress me as much as your production. Your production was different, just like your students. And different is good. Different works. The world needs different. If I had kids, I would want them to be students at your school.

Best regards,



Mark Laurence Zammit
Production Manager
XARABANK

---

**L-appuntament li jmiss hu għall-15 ta' Mejju fit-Teatru Kreattiv tal-Kulleġġ San Benedittu għal rappreżentazzjoni u diskussjoni oħra. It-tema? Żommu ruħkom aġġornati mas-sit tal-facebook: Benedittu Productions**

BROWNS
MALTA

SPARKLEimage

fujiko
HAIR & NAILS
27896751

IR-RAZZETT L-ANTIK

Da VINCI
PASTICCERIA

Hair Couture
by Romina
Qrendi
21649301

JCMCB
BAR&GRILL

Paradise Zone
Hair and Beauty Lounge

Lush Nails

playmobil
FunPark

EST. 1953
GRABIEL

ds

# 15 profesores europeos han visitado la Escuela Superior de Arte Dramático gracias al programa 'Erasmus+' organizado por el IES Palomares




Dan kien it-titlu ta' gazzetta Spanjola li rrapurtat it-tnehid ta' proġett ġdid tal-Erasmus+ u li l-iskola tagħna għandha sehem importanti fih. ***Educate*** huwa l-isem tal-proġett li ser ikun qed jiffoka fuq il-valuri tal-Unjoni Ewropea imma espressi permezz tad-drama.

F'Ottubru li għadda tliet għalliema minn din l-iskola, flimkien ma' Assistent Kap, konna Seville sabiex niddiskutu u nieħdu taħriġ ħalli dan il-proġett li hu mifrux fuq sentejn, ikun suċċess. B'kollox konna ħmistax-il għalliem minn sitt pajjiżi differenti: Spanja, il-Ġermanja, l-Ingilterra, il-Greċja, l-Italja u Malta.

F'Mejju li ġej, ħmistax-il istudent mill-iskola tagħna ser ikunu fi Frankfurt, il-Ġermanja għal taħriġ fid-drama u l-valuri tal-Ewropa. Imbagħad f'Ottubru ser ikun hemm laqgħa oħra għall-għalliema fl-Italja u finalment f'April 2020 l-istudenti u għalliema kollha, li f'daqqa jammontaw għal madwar 120 persuna ser jiltaqgħu f'Malta biex propju f'din is-sala jkunu jistgħu itellgħu rappreżentazzjonijiet qosra. Malta, rappreżentata mill-iskola tagħna, ser tkun qed taħdem fuq il-valur tal-**libertà.**



# Minn wara l-kwinti





























# Ringrazzjamenti

Ringrazzjament Speċjali jmur

għall-SMT, għas-sapport kbir li sibna mingħandhom

Kif ukoll

Lill-għeżież tagħna tal-paċenzja kbira li ħadu bina fix-xhur ta' preparazzjoni.




**Benedittu Productions**

Il-Kast kollu ta'

# Is-Sirenetta

Jawgura lilkom u

lill-familjari tagħkom,

Milied hieni u

Sena ġdida mimlija risq.



Call, email or
visit our website.
We're ready when you are.

**Metalco Ltd**

YARD 48, Scrap Lane
Valletta Road
Luqa, Malta



metalco@go.net.mt
0356 2166 7855
0356 2166 7833

Dealers and exporters in ferrous and non-ferrous metals,
Weee recycling, destruction of documents and related services.

Please go to our website to find additional detailed information.

www.metalcoltd.com

**Whether you're selling scrap metals or buying recycled materials, or you just want to find out more about metal recycling, please contact us. Our full-service commercial and logistics team stand ready to serve you.**